MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tat-22 ta' Marzu, 2006

Appell Civili Numru. 447/2004/1

**Ghassan Aboulezz**

**vs**

**Sea Bank Catering Company Limited**

**Il-Qorti,**

Fit-13 ta’ Ottubru 2005 it-Tribunal ghal Talbiet Zghar ippronunzja s-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

“It-Tribunal

Ra l-Avviz li fih l-attur talab li s-socjeta’ konvenuta thallas is-somma ta’ disa’ mija u hamsin lira Maltin (Lm950) rapprezentanti bilanc ta’ prezz ta’ xoghol ta’ tqeghid ta’ madum.

Ra r-Risposta tas-socjeta’ konvenuta fejn sostniet li:

- Ix-xoghol ma sarx skond is-sengha u l-arti.

- Il-materjal utilizzat mill-attur ma kienx skond il-ftehim.

- L-attur ma temmx l-inkarigu moghti lilu, u

- L-attur jehtieglu li jipprova l-ammont minnu mitlub stante li l-istess huwa kkontestat.

Ikkunsidra

Illi din il-kawza nstemghet ma' l-Avviz **477/04PM** deciza llum.

Illi fil-kawza **477/04PM** gie deciz li x-xoghol ma sarx skond is-sengha u li l-attur f'din il-kawza ghandu jhallas lis-socjeta' Sea Bank Catering Company Limited ghad-danni.

Illi l-attur naqas li jipprezenta provi konvincenti dwar l-ammont mitlub minnu.

Illi ghar-ragunijiet moghtija fil-kawza **477/04PM** jichad l-Avviz ta' Ghassan Aboulezz bl-ispejjez kontra tieghu."

Bl-appell interpost mill-attur dan qed igib 'il quddiem fil-kontestazzjoni tad-decizjoni tat-Tribunal is-segwenti aggravji:-

(1) In linea preliminari, in-nuqqas ta' motivazzjoni adegwata fis-sentenza;
(2) Fil-meritu, il-prospett minnu esebit kien konferma tal-hlas domandat;
(3) B' agguntiva, huwa ssolleva wkoll certi gravami ohra minnu proposti fl-appell l-iehor tieghu fl-ismijiet inversi (Avviz Nru. 477/04);

Ghall-iskop ta' l-istharrig ta' l-aggravju preliminari huwa opportun li jinghad li l-kawza *de quo* giet investigata mit-Tribunal kontestwalment mal-kawza l-ohra "Sea Bank

Catering Co. Ltd -vs- Ghassan Aboulezz" fejn is-socjeta` attrici f' dak il-kaz kienet ipprocediet b' talba ghad-danni ghall-istess xoghlijiet li taghhom l-appellant odjern qed jitlob il-hlas tal-bilanc pretiz minnu;

Fis-sentenza issa appellata t-Tribunal jimmotiva r-ragonament tieghu ghac-cahda tat-talba attrici fuq zewg kunsiderazzjonijiet, u cjoe, il-fatti akkwiziti fil-kawza l-ohra per Avviz Numru 477/04 u n-nuqqas ta' prova konvincenti ta' l-ammont mitlub;

Hija prattika forense illi meta zewg kawzi, trattasi ta' l-identiku suggett, ikunu mexjin flimkien ikun sufficjenti li l-gudikant f' wahda minnhom jaghmel referenza ghall-konsiderandi zvolti minnu fil-kawza l-ohra u japplikahom *mutatis mutandis* fejn hekk ikun il-kaz. Effettivament, huwa mhux tenut li b' ripetizzjoni joqghod jerga' jirriproduci l-istess valutazzjoni fuq l-istess provi u jirreplika l-istess principji ta' dritt li jkun ghamel fil-kawza l-ohra. Sufficit li jindika dawk l-elementi li fuqhom ikun ibaza l-konvinciment tieghu. Kif taraha din il-Qorti, it-Tribunal sew iqiegħed in riljev l-aspetti necessarji bastanti ghas-sostenn tar-*ratio decidendi* fis-sentenza mpunjata, u mhux il-kaz allura li takkolji l-aggravju fuq dan il-punt. Fil-fatt ghal dak li jirrigwarda t-tielet ilment din il-Qorti qed taghmel hi wkoll referenza ghar-riflessjonijiet minnha maghmula fl-appell l-iehor taghha fl-ismijiet inversi, u kontestwalment deciz;

Spustat it-terren minn dawn iz-zewg aggravji, dak propost bit-tieni wiehed jimmerita certament konsiderazzjoni xierqa;

Jibda biex jinghad fir-rigward illi ghalkemm apparentement id-dokument esebit a fol. 16 jidher li hu stima tax-xoghlijiet li kellhom ikunu ezegwiti, ma jirrizultax imbaghad kif l-attur appellant wasal ghac-cifra ta' disa' mija u hamsin lira (Lm950) minnu pretiza bhala bilanc. Huwa ma gabx

prova minimali dwar hlasijiet li kien diga` rceva minghand is-socjeta` appellata jew xi prova ohra perswasiva li ssostni adegwatament il-legittimita` tal-pretensjoni tieghu ghal dak il-hlas;

Maghdud dan, ma kellux ifisser ukoll illi d-dimostrazzjoni tal-fatt kostituttiv ta’ l-istess dritt pretiz mill-appellanti ma setghetx tigi, anke indipendentement mill-inizzjattiva ta’ l-appellanti, rikavata mill-provi offerti mill-parti avversarja. Jinsab ammess mix-xhud Arthur Gauci illi ghab-bazi tal-kejl stabbilit minnu lill-attur kien ghadu dovut is-somma bilancjali ta’ erba’ mija u erbgha u disghin lira u sittax-il centezmu (Lm494.16). Ara dokument relattiv esebit a fol. 45 tal-process;

Minn din l-ammissjoni kellu jkun bil-wisq car ghat-Tribunal illi ta’ l-anqas l-appellanti kien ghadu dovut is-somma fuq specifikata. Dan mhux biss in ottemperanza ta’ dak il-principju ta’ l-ekwita` li ghalih it-Tribunal, ex-Artikolu 7 (1) ta’ l-Att V ta’ l-1995, kellu jippropendi, izda ghaliex it-Tribunal ma setax jinjora dak il-bilanc fuq l-assunt illi x-xoghol ma sarx sew, una volta it-Tribunal ikun accetta *in pieno* l-likwidazzjoni tad-danni kif lilu sottomessa u jkun ukoll ikkundanna lill-attur jaghmel tajjeb ghalihom. Kieku kellu jkun mod iehor ikun ifisser li l-attur, oltre d-danni totali ghal liema gie kkundannat, jigi li jitlef ukoll l-import korrispondenti ta’ xoghlu, li ma ghandux ikun. Ghax jekk hu gust u xieraq li min jikkaguna d-dannu jbati l-konsegwenzi ta’ l-obbligazzjoni inezatta tieghu, daqstant iehor mhux mistenni li ghandu jgarrab ukoll konsegwenzi ulterjuri bit-telf tal-hlas ta’ xoghlu. F’ kaz bhal dan ir-rikjam ghall-hlas ma jitqiesx intempestiv u ghalhekk, gjaladarba s-socjeta` appellata ddecediet li tesegwixxi hi stess l-eliminazzjoni tad-difetti, il-konkluzjoni kellha tkun li, se mai, l-attur ibati biss id-differenza bejn l-ammont likwidat bhala danni u dak dovut lilu bhala bilanc fuq l-appalt. Li jfisser, b’ konsiderazzjoni aritmetika, id-differenza bejn is-somma iffissata ta’ tmien mija u ghaxar liri u tliet centezmi (Lm810.03) u l-bilanc ta’ l-appalt fis-somma indikata ta’

erba' mija erbgha u disghin lira u sittax-il centezmu (Lm494.16);

Fis-sens ta' dak li ntqal u gjaladarba s-socjeta` appellata pprocediet b' kawza *ad hoc* ghad-danni u mhux b' kontro-talba, hu l-kaz li s-sentenza moghtija mit-Tribunal tigi mwarrba billi invece tintlaqa' t-talba ta' l-attur appellanti limitatament, pero`, fis-somma ta' erba' mija erbgha u disghin lira u sittax-il centezmu (Lm494.16).

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qed tilqa' l-appell fit-tieni kap lilha devolut u b' hekk thassar is-sentenza appellata. Tiddikjara invece li s-socjeta` appellata ghandha tkun ikkundannata thallas lill-attur appellant is-somma bilancjali ta' erba' mija erbgha u disghin lira Maltija u sittax-il centezmu (Lm494.16) hlas tax-xoghlijiet mill-appellant ezegwiti fuq inkariku tas-socjeta` appellata. L-ispejjez taz-zewg istanzi jitbatew mis-socjeta` appellata.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------